# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tad-19 ta' Diċembru 2011

## li taħtar membru Daniż fil-Kumitat tar-Reġjuni

(2012/2/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Daniż,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Diċembru 2009 u fit-18 ta' Jannar 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet 2009/1014/UE (1) u 2010/29/UE (2) li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2010 sal-25 ta' Jannar 2015. Fil-25 ta' Mejju 2010, is-Sur Jan BOYE ġie maħtur membru sal-25 ta' Jannar 2015 mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/303/UE (3), wara r-riżenja tas-Sur Jens Jørgen NYGAARD,

(2) Konsegwentement għall-mewt tas-Sur Jan BOYE, sar vakanti siġġu ta' membru,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Huwa b'dan maħtur bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2015:

— Is-Sur Søren Pape POULSEN, *borgmester, Viborg Kommune*.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2011.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
M. KOROLEC

(1) ĠU L 348, 29.12.2009, p. 22.
(2) ĠU L 12, 19.1.2010, p. 11.
(3) ĠU L 129, 28.5.2010, p. 69.